

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-130 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 4.7.2018–5.7.2018

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Riżultati tas-Sħubija tal-Lvant għall-2020: Il-kontribut tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

(2018/C 387/01)

Relatur: Sören HERBST (DE/PPE), Membru tal-Kunsill Muniċipali tal-Belt ta' Magdeburg

Dokument ta' referenza: Id-dikjarazzjoni konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tal-24 ta' Novembru 2017, Anness 1 "20 riżultat għall-2020"

RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. jilqa' b'sodisfazzjon il-qbil dwar "l-20 objettiv għall-2020" fid-dikjarazzjoni konġunta tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant (SL), li saret fi Brussell fl-24 ta' Novembru 2017, u jilqa' wkoll il-fatt li din id-dikjarazzjoni tpoġġi enfasi fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala promoturi attivi tal-objettivi tas-Sħubija, permezz tal-parteciċipazzjoni tagħhom fil-Konferenza tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali għas-Sħubija tal-Lvant (CORLEAP);
2. jilqa' b'sodisfazzjon l-istruttura istituzzjonali ġdida għall-implimentazzjoni ta' dawn "l-20 objettiv għall-2020" li tnediet fit-12 ta' Marzu 2018 u strutturata biex twassal ekonomija aktar b'saħħitha, governanza aktar b'saħħitha, konnettività aktar b'saħħitha u soċjetà aktar b'saħħitha għal dawn il-pajjiżi, flimkien ma' xi kwistjonijiet trasversali;
3. jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni differenzjata bejn l-UE u l-pajjiżi individwali tas-SL għall-fini ta' żvilupp demokratiku, ekonomiku u tas-soċjetà ċivili ta' dawn is-sitt pajjiżi, ladarba dawn għandhom għadd ta' karatteristiċi komuni iżda wkoll differenzi sinifikanti fl-oqsma kollha tal-politika, l-ekonomija u s-soċjetà;
4. jirrimarka li, minħabba l-qrubija tagħhom lejn iċ-ċittadini u r-riforma tal-awtogovernanza lokali fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol deċiżiv x'jaqdu fl-implimentazzjoni b'suċċess tal-20 objettiv għall-2020;
5. jinnota li l-annessjoni illegali tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa u l-konflitt bl-appoġġ tar-Russja fir-reġjuni ta' Donetsk u ta' Luhansk fl-Ukrajna kellhom konsegwenzi soċjali serji għall-poplu u l-Istat tal-Ukrajna, li jistgħu jingħelbu biss permezz tal-appoġġ tal-UE u tal-imsieħba tal-Punent;
6. ifakkar li sfortunatament l-Ukrajna mhijiex l-unika pajjiż fis-Sħubija tal-Lvant b'kunflitti kemm ma' pajjiżi oħrajn tas-Sħubija tal-Lvant, jew ma' pajjiżi terzi; għaldaqstant itenni l-appoġġ tal-UE għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Pajjiżi Msieħba kollha, u r-ripett sħiħ tiegħu għall-prinċipji, l-għanijiet u l-impenji kollha mħaddna fl-Att Finali ta' Helsinki tal-1975, il-Karta ta' Pariġi tal-1990 u l-Karta tan-NU;

7. jappella għal sforzi mgiedda biex tiġi promossa r-riżoluzzjoni paċifika ta' kunflitti mhux solvuti fir-reġjun abbażi tal-prinċipji u n-normi tad-dritt internazzjonali; ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti, it-trawwim tal-fiduċja u relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien huma essenzjali għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni ekonomika u soċjali;

It-tiġhijiet tal-istituzzjonijiet u l-governanza tajba

8. ifakkar li r-riforma tal-awtonomija lokali, li tinkludi t-tiġhijiet tal-istituzzjonijiet tal-istat u ta' governanza tajba, hija prijorità fil-pajjiżi tas-SL. Il-Karta Ewropea dwar l-Awtonomija Lokali, diġà kienet iffirmata mir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna fl-1997, l-Armenja u l-Ażerbajġan fl-2002 kif ukoll mill-Ġeorġja fl-2004. Il-Belarusja mhijiex membru tal-Kunsill tal-Ewropa u ma ffirmatx il-Karta;

9. jappella biex ir-riformi effiċjenti ta' deċentralizzazzjoni jkunu akkumpanjati minn miżuri effettivi kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha tal-gvern, sabiex tiġi żgurata governanza aktar b'saħħitha u affidabbli b'impatt pożittiv fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini;

10. jilqa' r-referenza espliċita għat-twettiq tar-riformi tal-amministrazzjoni pubblika fl-20 oġġettiv għall-2020, u jemmnen li l-istatistiki uffiċjali kkompilati fil-livell lokali u reġjonali u jfornu informazzjoni ta' kwalità għolja dwar l-istatistika, għandhom jinżammu disponibbli fil-livell lokali u reġjonali bħala data miftuħa fil-pajjiżi tas-SL;

11. jenfasizza li l-istatistiki uffiċjali ta' kwalità jikkontribwixxu għal fehim aħjar dwar il-kuntesti soċjali, ekonomiċi u ambjentali u jippermettu t-teħid ta' deċiżjonijiet politiki u ekonomiċi abbażi ta' data fattwali kif ukoll il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċessi politiki; f'dan il-kuntest jappella għal appoġġ prattiku fil-forma ta' proġetti sostenibbli sabiex jingħelbu d-diffikultajiet attwali fl-akkwist ta' statistiki uffiċjali, b'mod partikolari jirreferi għal-livell subnazzjonali, u jiġbed l-attenzjoni għas-sit web Division of Powers, ospitat u żviluppat mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, li jipprovdi ħarsa ġenerali tal-livelli tad-deċentralizzazzjoni istituzzjonali u fiskali fl-UE u l-pajjiżi ġirien;

12. ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-għbir, l-ipproċessar u l-pubblikazzjoni ta' statistika mill-awtoritajiet pubbliċi fil-kuntest tar-riforma tal-awtonomija lokali jgħibu magħhom potenzjal ekonomiku notevoli, ladarba dan mhux biss ipoġġi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kondizzjoni li jivvalutaw b'mod effettiv il-potenzjal ekonomiku tat-territorji rispettivi, iżda jippermetti wkoll lill-intrapriżi żgħir u medji (SMEs) biex isibu posthom fis-suq u jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku sostenibbli fil-livell lokali u reġjonali. Il-forniment ta' data affidabbli u ta' livell għoli jservi ta' għajjnuna fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni u fl-iżvilupp ta' mekkaniżmi effiċjenti fil-għieda kontra. Barra minn hekk, id-data miġbura tikkostitwixxi materjal ta' bażi għal għadd ta' analiżijiet effettwati mill-istudji xjentifiċi, li b'hekk isaħħu r-riċerka fil-pajjiżi tas-SL;

13. jappella, li t-tema tal-ġestjoni effiċjenti u effettiva tal-baġits pubbliċi lokali tipoġġa fuq l-aġenda u biex dawn il-baġits ikunu soġġetti għal awditjar intern u estern sabiex ikun garantit li l-fondi pubbliċi jintużaw b'mod utli u effiċjenti. Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'dan l-awditjar indipendenti għandha tgħin lill-awtoritajiet lokali biex itejbu l-kapaċità li jivvalutaw il-prestazzjoni, il-programmi u l-kwalità tas-servizz tagħhom u biex jadattawhom għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini;

14. jirrakkomanda li għandha tkun appoġġjata l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fir-rigward tal-baġits pubbliċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, f'forma ta' baġitjar parteċipattiv, biex iċ-ċittadini jingħataw l-oportunità li jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw fil-ġestjoni tar-riżorsi pubbliċi u li jesprimu l-preferenzi tagħhom fil-qasam tal-ispiża pubblika;

Il-mobilità u "l-kuntatti bejn il-persuni" (People-to-People Contacts)

15. jilqa' l-fatt li l-pajjiżi tas-SL jistgħu jieħdu sehem fi programmi bħal Erasmus+, Ewropa Kreattiva, COSME u Orizzont 2020, li joffru aktar possibiltajiet ta' skambju għall-universitajiet, l-amministrazzjonijiet, in-negozji u r-riċerkaturi, u jitlob għat-twettiq ta' aktar proġetti ta' sensibilizzazzjoni dwar dawn il-programmi fil-livell lokali u reġjonali, b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-pajjiżi tas-SL huma biss il-programmi ta' finanzjament internazzjonali li jippermettu skambji ta' dan it-tip u r-rata ta' suċċess tal-applikazzjonijiet minn uħud minn dawn il-pajjiżi hija relattivament baxxa;

16. jappella li m'għandhomx jingħataw appoġġ il-proġetti (ta' skambju) fil-qasam tax-xjenza bażika biss, iżda anki fl-istudji umanistiċi li jikkontribwixxu għal fehim aħjar tal-iżvilupp politiku, soċjali u kulturali fil-pajjiżi tas-SL, u li jippermettu skambju ta' esperjenzi fil-qasam tal-metodi tar-riċerka u proġetti ta' integrazzjoni tar-riċerkaturi fl-istrutturi tar-riċerka Ewropea;

17. jesprimi tħassib dwar id-dikjarazzjoni tal-"20 oġġettiv għall-2020" fejn ġie affermat li n-netwerks tal-universitajiet tal-pajjiżi tas-SL għandhom jikkonċentraw biss fuq it-tagħlim (teaching);

18. jirrakkomanda bis-sħiħ, f'dan ir-rigward, mhux biss ħidma għat-titjib tat-tagħlim fl-universitajiet tal-pajjiżi tas-SL, iżda wkoll għall-promozzjoni tar-riċerka, permezz ta' proġetti konkreti għat-trasferiment ta' eżempji tal-aħjar prattiki ta' metodi ta' riċerka u tal-kitba akkademika;
19. jirrimarka, f'dan ir-rigward, li attivitajiet ta' skambju bejn atturi ewlenin bħall-universitajiet, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħal gruppi ta' riflessjoni u SMEs, jistgħu jikkontribwixxu lejn żvilupp ta' sinerġiji pożittivi u li permezz tagħhom jibbenefika l-qasam kollu tar-riċerka u l-innovazzjoni;
20. huwa tal-fehma li r-riforma tal-amministrazzjoni lokali u tad-deċentralizzazzjoni għandha effett pożittiv fuq il-bilanċi lokali u reġjonali u li għandha potenzjal sostanzjali fir-rigward tal-promozzjoni tar-riċerka u tal-innovazzjoni fil-livell lokali u reġjonali;
21. jissuġġerixxi li l-proġetti fil-qasam tal-intraprenditorija m'għandhomx ikunu intiżi biss għaż-żgħażaġh, iżda wkoll għall-adulti, b'mod partikolari n-nisa;
22. jappella, f'dan il-kuntest, għal miżuri konkreti għall-iżvilupp tal-intraprenditorija soċjali bħala forma ta' tagħlim mhux formali fost iż-żgħażaġh u l-adulti fil-livelli lokali u reġjonali, sabiex jissolvew problemi lokali, jiġi ġġenerat dħul, jinħolqu l-postijiet tax-xogħol u tiġi stimolata l-innovazzjoni soċjali fuq il-post;
23. ifakkar li m'għandhomx ikunu appoġġjati biss l-iskambji bejn il-pajjiżi tas-SL u mal-UE, iżda wkoll l-iskambji interni fil-pajjiżi individwali tas-SL, ladarba dawn il-pajjiżi jiddisponu minn mobilità relattivament passiva, li twassal għal konsolidazzjoni ta' preġudizzji u sterjotipi fil-pajjiżi individwali u taġhti lok għad-diżinformazzjoni;
24. iqis li huwa partikolarment meħtieġ is-sostenn ta' proġetti ta' skambju interreġjonali interni fl-Ukrajna, li qed tkun affettwata minn aggressjoni militari u attività ta' diżinformazzjoni kostanti min-naħa tal-Federazzjoni Russa;

Żvilupp ekonomiku u opportunitajiet tas-suq

25. jilqa' l-fatt li l-pajjiżi tas-SL jistgħu jieħdu sehem fil-programm COSME għall-SMEs;
26. jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Georgia għadhom qatt ma ħadu sehem f'dan il-programm u li l-proġetti fl-Ukrajna, il-Moldova u l-Belorusja huma relattivament ftit (bejn 1 u 8 proġetti) u b'mod ġenerali huma kkonċentri fuq il-bliet kapitali rispettivi;
27. huwa konvint li dan il-programm għandu jkun żviluppat ulterjorment u għandu jikkonċentra fuq l-SMEs lokali u reġjonali — inklużi dawk l-barra mill-bliet kapitali — fil-pajjiżi tas-SL. Programmi bħal dawn ser jippromovu l-SMEs u jgħinu fit-tkabbir sostenibbli fil-livell lokali u reġjonali;
28. jenfasizza l-importanza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE jappoġġjaw lill-assoċjazzjonijiet tal-impriżi u l-korpi professjonisti, flimkien mal-kmamar lokali u reġjonali (pereżempju l-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija, il-kmamar tal-inġiniera eċċ.), peress li dawn l-istituzzjonijiet jiffaċilitaw l-integrazzjoni fl-istrutturi Ewropej u jgħinu fl-iżvilupp ta' kompetizzjoni ġusta, li tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
29. ifakkar mill-ġdid, li għandha tkun appoġġjata l-intraprenditorija soċjali, peress li din ittejjeb l-iżviluppi ekonomiċi fuq livell lokali u reġjonali u toħloq postijiet tax-xogħol ġodda;
30. jirrimarka l-importanza li l-SMEs għandhom ikunu appoġġjati fil-qasam tal-innovazzjoni u li s-sinerġiji bejn l-intraprenditorija u r-riċerka għandhom jingħataw sostenn;
31. jenfasizza li mhux biżżejjed li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw l-appoġġ biss biex jimplementaw l-istrateġiji tal-iżvilupp ekonomiku, kif inhu affermat fid-dikjarazzjoni "l-20 oġġettiv għall-2020", iżda huwa neċessarju li jingħataw appoġġ tekniku sa mill-bidu tal-fażi ta' żvilupp;

Objettivi trażversali

32. kif iddikjarat fl-oġġettivi, jistenna li l-pajjiżi kkonċernati jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jissaħħu l-istat tad-dritt u l-ġustizzja, biex jiġu ggarantiti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali kif ukoll is-sigurtà u l-protezzjoni tal-minoritajiet u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, inkluż l-indirizzar tal-vjolenza domestika;
33. jenfasizza l-fehma tiegħu li s-soċjetà ċivili fil-pajjiżi tas-SL taqdi rwol kruċjali għal żvilupp demokratiku tas-soċjetà u l-gvernijiet għandhom iqisuha bħala msieħba kredibbli u ewlenija;

34. jirrimarka li fir-rigward tar-riforma tal-amministrazzjoni lokali u tad-deċentralizzazzjoni, il-forzi ġodda demokratiċi u tat-tmexxija jaqdu rwol importanti fil-proċessi demokratiċi u għandhom jiġu appoġġjati permezz ta' miżuri mmirati;
35. jenfasizza l-ħtieġa biex tittejjeb il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika, u b'rabta ma' dan jappella għall-introduzzjoni ta' programm ta' osservazzjoni għall-persunal amministrattiv fil-livell tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex tittejjeb id-disseminazzjoni tal-istandards Ewropej fil-prattiki amministrattivi;
36. jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni biex iġġib lura l-Faċilità tal-Amministrazzjoni Lokali (FAL) f'verżjoni modifikata, kif ġie speċifikat fl-opinjoni tal-KtR dwar ir-Reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ta' Ottubru 2016 ⁽¹⁾;
37. jirrakkomanda bis-sħiħ il-promozzjoni tal-attività ta' riċerka mwettqa fl-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħal gruppi ta' riflessjoni u istituzzjonijiet ta' riċerka, li jtejbu d-djalogu fuq il-politiki permezz tal-analiżijiet tagħhom u jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet minn atturi prinċipali tal-politika u tal-ekonomija fil-pajjiżi tas-SL permezz tal-ġhoti ta' proposti Prattiki;
38. jenfasizza l-importanza partikolari tal-protezzjoni tal-minoranzi fil-pajjiżi kollha tas-SL bħala element ewlieni biex il-persuni jidentifikaw mar-reġjun tagħhom inklużi l-karatteristiċi kulturali, soċjali u ċivili kollha tiegħu;
39. jenfasizza l-ħtieġa għall-appoġġ tal-iżvilupp u l-permanenza tal-midja lokali u reġjonali mhux kummerċjali, flimkien mas-servizz tax-xandir pubbliku, sabiex tkun promossa informazzjoni pluralistika, ikun garantit l-aċċess għal informazzjoni indipendenti għaċ-ċittadini tas-SL, jingħata sostenn lill-ġurnaliżmu ta' kwalità u b'hekk tkun indirizzata d-diżinformazzjoni;
40. jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni partikolari tal-popolazzjoni f'Donbas, li qed tirċievi biss stazzjonijiet tax-xandir ikkontrollati mill-Federazzjoni Russa li prinċipalment jittrasmettu materjal b'kontenut propagandistiku, u għaldaqstant jappella għall-introduzzjoni ta' fond ta' assistenza teknika mill-UE għall-istazzjonijiet tar-radju mhux kummerċjali Ukreni, biex jipprovdu lill-popolazzjoni ta' Donbas b'servizz ta' xandir indipendenti miż-żoni mhux okkupati;

Kummenti konklużivi

41. jenfasizza r-rwol speċifiku tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, li jistgħu joperaw fl-oqsma kollha, u jqis bħala partikolarment importanti l-appoġġ għall-iskambji bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE u dawk tal-pajjiżi tas-SL fil-forma ta' sħubijiet urbani u reġjonali kif ukoll dawk bejn l-awtoritajiet individwali fil-pajjiżi tas-SL stess;
42. jappella, f'dan il-kuntest, għat-twaqqif ta' programm biex jagħti bidu, mingħajr burokrazzja żejda, għall-ħolqien ta' dawn is-sħubijiet bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE u dawk tal-pajjiżi tas-SL; Dan ser jipprovdi aktar opportunitajiet għall-implimentazzjoni Prattika tal-objettivi tal-programm billi jipprovdi appoġġ finanzjarju għat-tisħiħ tas-sħubijiet;
43. jinsab imħasseb li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 ma jipprovdi l-allokazzjoni aktar qawwija ta' riżorsi finanzjarji lill-Istrument Estern il-ġdid — li jissostitwixxi, fost l-oħrajn, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat – meħtieġa biex tingħata risposta għall-objettivi stabbiliti għall-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, għalkemm iżid il-baġit globali għall-azzjonijiet tal-UE fid-dinja;
44. iqis bħala importanti, li l-Konferenza tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali għas-Sħubija tal-Lvant (CORLEAP) ma tillimitax ruħha għall-pjattaforma ta' skambju, iżda li tappoġġja b'mod konkret il-kooperazzjoni territorjali permezz ta' attivitajiet minn tlaqqiġ bejn partijiet effettivi u l-ġhoti ta' viżibilità għal proġetti konkreti; barra minn hekk, huwa impenjat li jilħaq u jissodisfa l-aspettattivi li għandhom l-imsieħba tiegħu fir-rigward tal-CORLEAP, billi juri s-suċċess u l-potenzjal tal-kooperazzjoni territorjali u billi jżid il-fehim u l-viżibilità tal-benefiċċji ta' politika tas-SL għaċ-ċittadini;

Brussell, l-4 ta' Lulju 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Karl-Heinz LAMBERTZ

⁽¹⁾ COR-2016-00982-00-00-AC-TRA.